## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 462/2021**

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI**

**VS.**

**KRISTIAN WILLARD HAEHNDEL**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, magħmul taħt l-**Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka Għall-Irkupru Ta' Talbiet li Għandhom X'Jaqsmu Ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08)**, u li ġie mressaq mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-12 ta' Mejju, 2021;

2. Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2021, li bis-saħħa tiegħu poġġiet din il-kawża għas-smigħ għall-21 ta' Ġunju, 2021;

3. Rat in-nota tad-**<u>9 ta' Ġunju, 2021</u>** iffirmata mill-avukata Mandy Aġius, li biha ddikjarat li l-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed iċedi u jirrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu mressqa fir-rikors;

**Għaldaqstant fid-dawl ta' din in-nota ta' ċessjoni u ta' dak imsemmi fl-artikoli 906(1) u 907 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tieqaf milli tqis aktar dan ir-rikors u b'hekk tordna lir-reġistratur sabiex ineħħih minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**